

[Paġna Ewlenija](#) > ... > [Drittijietek](#) > [Il-Vittmi Ta' Delitti \(għalkemm Hawnhekk Tista' Tfisser Ukoll Tal-kriminalità\)](#)
> [Kumpens](#) > [Jekk It-talba Tiegħi Se Tinbagħat Minn Dan Il-pajjiż Għal Pajjiż Ieħor Tal-UE](#) > [Lithuania](#)

Jekk it-talba tiegħi se tinbagħat minn dan il-pajjiż għal pajjiż ieħor tal-UE

Il-kontenut ipprovdut minn
Litwanja



Litwanja

Liema awtorità tgħinni nibgħat talba f'pajjiż ieħor tal-UE?

Il-Ministeru tal-Ġustizzja tar-Repubblika tal-Litwanja (*Lietuvos Respublikos teisingumo ministerija*),
Gedimino pr. 30,
Vilnius

X'inhuwa r-rwol tal-awtorità li tassisti?

Il-Ministeru tal-Ġustizzja tar-Repubblika tal-Litwanja huwa awtorizzat jissottometti lill-awtoritajiet kompetenti tal-Istati Membri l-oħra tal-Unjoni Ewropea rikorsi minn ċittadini tar-Repubblika tal-Litwanja u persuni oħra li huma legalment u ordinarjament residenti fir-Repubblika tal-Litwanja għal kumpens minħabba danni kkawżati minn reat vjolenti kommess fit-territorju ta' Stat Membru ieħor tal-Unjoni Ewropea. Barra minn hekk, il-Ministeru tal-Ġustizzja jipprovdri lin-nies b'informazzjoni dwar il-kundizzjonijiet u l-proċeduri għal kumpens dwar dannu kkawżat minn reati vjolenti skont l-awtoritajiet kompetenti ta' Stati Membri oħra tal-Unjoni Ewropea.

Din l-awtorità tittraduċi d-dokumenti ta' appoġġ, jekk it-talba li trid tintbagħat ikollha bżonn? Jekk iva, min iħallas għaliha?

Iva, jekk meħtieġ, il-Ministeru tal-Ġustizzja tar-Repubblika tal-Litwanja jassisti fit-traduzzjoni tad-dokumenti li jridu jiġu ppreżentati. Il-vittma tar-reat mhix obligata tħallas għall-ispejjeż tat-traduzzjoni.

Hemm xi tariffi amministrattivi jew tariffi oħra li jridu jitħallsu meta t-talba tintbagħat barra l-pajjiż?

Le, ma hemmx tariffi x'jitħallsu.

L-aħħar aġġornament: 07/04/2023

Il-verzjoni bil-lingwa nazzjonali hija ġestita mill-Istat Membru rispettiv. It-traduzzjonijiet saru mis-servizz tal-Kummissjoni Ewropea. Jista' jkun hemm xi tibdil imdaħħal fl-oriġinal mill-awtorità nazzjonali kompetenti li jkun għadu ma jidherx fit-traduzzjonijiet. Il-Kummissjoni Ewropea ma taċċettax responsabbiltà jew kwalunkwe tip ta' tort fir-rigward ta' kull informazzjoni jew dejta li tinsab jew li hemm referenza għaliha f'dan id-dokument. Jekk jogħġbok irreferi għall-avviż legali sabiex tiċċekkja r-regoli dwar id-drittijiet tal-awtur għall-Istati Membri responsabbli minn din il-paġna.